# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru sitta (6) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Ħamis 10 ta' Marzu, 2011, fl-4.00pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi Sindku |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**Punti mill-Minuti**

3. Il- kunsilliera qablu li jmorru f'Triq Ta' Ġawħar biex jaraw jekk hemmx possibilita li jagħmlu 'zebra crossing' hemmhekk u biex jaraw fejn jaqbilhom jagħmluha jekk issir ix-xogħol..

4. Fil- 5.20pm waslu s-sur Joe Borg u Noel Schembri (Diretturi) ta' Sterling Security, flimkien mas-sur David Soler (Uffiċjal Awtoriżat)

5. Is-sur Borg qal li ħadmu skont is-sigħat u postijiet li kienu mifthemin fil-laqgħa preċedenti imma li jidispjaċiħ jgħid illi ma kienx hemm 'demand' u issa li naqqasna s-sigħat għal ħames sigħat, id-dħul tagħna waqa' drammastikament. Kemm is-sur Borg u s-sur Soler marru ġo triq San Pawl u Triq iż-Żurrieq u ma tantx ħarġu ċitazzjonijiet.

6. Il-kunsillier Francis Callus qal li kien ra lis-sur Borg u Soler ġo triq iż-Żurrieq u li kienu f'post visibli biex dawk li riedu jibgħu għaddejjin mill-one way jbiddlu d-direzzjoni tagħhom. Il-kunsilliera qablu li din ma kinitx xi ħaġa negattiva għax għalihom importanti li n-nies jobdu r-regoli l-ewwel u qabel kollox. Fl-istess ħin riedu jgħidu li ħabba hekk, it-tnejn li huma ma setgħux jaraw il-verita ta kemm in-nies kissru r-regoli hemmhekk.

7. Is-sur Noel Schembri qal li hemm bżonn ta' sistema sostenibli. Hu kien inota li hemm problema ġo Ħal Safi u għalhekk kien issuġerixxa illi nagħmlu 24/7 camera. Hekk, skont hu, indaħħlu iżjed amonti ta' flus filwaqt li jkun hemm iżjed dixxiplina fir-raħal. Hu ppropona li dan ix-xogħol isir ġo triq iż-Żurrieq stess.

8. Is-sur Borg reġa fakkar il-vantaġġ li għandna minħabba id-dħul ta' triq Ħal Far, u jekk inżommu l-għaxar sigħat li kellna u nieħdu azzjoni fuq is-suggeriment tas-sur Schembri, inkunu nilħqu l-għonijiet tal-Kunsill

9. Jerome Busuttil saqsa l-għala ma kinux jkunu qegħdin jaħdmu qabel dawn il-ġimagħtejn li qajjimna l-kwistjoni fuq il-problema. Is-sur Borg reġa wieġeb illi peress li ma kienx hemm 'profit' ġo Ħal Safi, kienu jmorru jaħdmu ġot-toroq fejn hemm il-possibilita li jagħtu iżjed ċitazzjonijiet.

10. Is-Sindku qal li se niddiskutu l-pproponiment tas-sur Schembri w iringrazzja lil mistednin għax sar progress fuq din il-kwistjoni f'dawn l-aħħar ġranet.

11. Is-sur Borg xtaq li nikkonsidraw li nerġgħu nieħdu l-għaxar sigħat ta' qabel imma fuq dan is-Sindku w l-kunsilliera oħra ma qalux iva peress li jridu jaraw il-kontijiet l-ewwel u qabel kollox. Is-Sindku qal biss li importanti li x-xogħol jibqa jmur sew u li l-gwardjani jidhru ġor-raħal.

12. Id-diskussjoni mas-sur Borg, Soler u Schembri fuq il-gwardjani spiċċat fis- 6.05pm

13. Fis-6.05pm daħlu membri tal Kunsill Lokali taż-żagħżagħ.

14. Il-membri tal-Kunsill Lokali taż-żagħżagħ spjegaw illi hemm inizjattiva fejn tlett organizazzjonijiet, wara li jikkompetu, għandhom opportunita li jibnu post għall-isports ġol-irħula w li huma jixtiequ li jużaw l-opportunita biex jagħmlu 'outdoor gym' u juzaw il-flus għat-tagħmira, apparatt, sinjali u sigurta. Qalu wkoll li se tiswa madwar €10,000 u li l-Kunsill ikollu joħrog 25% minn dan l-amont. Huma qalu li jekk jagħmlu dan il-gym ġol ġnien ikunu qegħdin jiġbdu n-nies lejn il-ġnien, jagħtu post għall-isports ġor-raħal, ikun hemm post fejn jiltaqgħu ftit iż-żagħżagħ u li jkunu qegħdin jagħtu servizz lil poplu.

15. Is-Sindku u l-kunsilliera qalu prosit lill dawn it-tfal. Qalu li l-KL ta-żagħżagħ għandhom jagħmlu pjanta professjonali u li l-Kunsill se jagħtu kull tip t'għajnuna ħalli jidħlu bl-opportunita li jkunu wieħed mir-rebbieħa u biex ikun hemm dan il-gym. Ikun hemm bzonn ta tender ukoll għall dawn l-amonti ta flus.

16. Iz-żagħżagħ qalu wkoll li ħafna nies mir-raħal qalulhom illi jixtiequ li jnaqqsu l-ammont ta 'speed humps' ġor-raħal. Il-kunsilliera rrispondew billi qalu li huma għamlu dawk il-humps sempliċiment għax ridhuhom in-nies, u għas-sigurta tar-raħal.

17. Is-Sindku tal-Kunsill taż-żagħżagħ ried ikun jaf ukoll meta se tiftaħ it-triq tal-Karwija. Is-Sindku tah il-kelma li qegħdin nagħmlu dak kollu li nistgħu u li qegħdin nagħfsu fuq din il-biċċa xogħol. Qal ukoll li fl-istess ħin aħna ma nistgħux ngħidu ċerti li se tiftaħ f'ġurnata speċifika imma li se nkomplu ngħaffsu bħal m'għamilna għal dan iż-żmien kollu.

18. Il-membri staqsew jekk huma jistaw jiġu għal Jum Ħal Safi. Il-kunsilliera aċċettaw u qalu li se jibdew jistiednuhom għall-attivitajiet kollha tal-Kunsill. Il-kunsillier Eddie Bonello qal li jekk jixtiequ, jistgħu jiktbu 'write up' fil-magasin tal-Kunsill ħalli n-nies ta Ħal Safi jkunu jafu dwar ix-xogħlijiet tagħhom minn issa 'l quddiem.

19. Il-membri tal-kunsill lokali taż-żgħażaġħ irringrazzjaw lil kunsilliera tal-ħin u ideat tagħhom u irtiraw fis-6.25pm.

20. Il-kunsilliera qablu li s-sinjura Doris Baldacchino li taħdem ġol Kunsill isir impjegatta 'full time' jekk tiġi approvata mid-dipartament.

21. Il-kunsilliera ftehmu illi se nistaqsu lill-Kappillan biex ixxandar l-aħbar dwar l-offerta tal-pharmacies ġod-Day Centre, fejn se jittestjaw id-demm, pressjoni, etc. tan- nies b'xejn għal sena.

**Korrispondenza**

22. Il-Kunsill irċieva talba minn Mr. George Said Zammit fejn xtaq koppja ta' mappa ta' Ħal Safi. Aċċettaw li ntuħ din il-koppja bil-konfini tar-raħal.

23. Wara li d-Deputtat SE qara email mingħand Mr.Cedric Valletta fejn qal bil bidla li hemm fil- mod li għandna nirraportaw rapports dwar 'street cleaning', il-kunsilliera qablu li nibdew bis-sistema il-ġdida dwar il-'complaints'. Il-Kunsilliera xtaqu jistiednu lis-sur Valletta għal laqgħa li jmiss sabiex jitkellmu dwar l-indafa ġor-raħal.

24. Il-Kunsill irċieva email mingħand Montekristo, kumpanija li tipproduċi l-inbid, fejn qalu li se jipproduċċu tikketti bl-emblemma tal-Kunsill. Is-Sindku se jitkellem mal-kumpanija dwar dan is-suġġett.

25. Vodaphone qalu li jaċċettaw li l-kunsill jgħid fejn għandha titwaħħal il-plakka li se tkun preżenti fir-raħal wara li rbaħna kompetizzjoni tar-reġjun.

**Ħwejjeġ oħra**

26. Il-Kunsilliera qablu li nibdew nippjanaw kollox għal Jum Ħal Safi

27. Il-kunsilliera qablu li s-sur Omar Schembri, il-Head coach tan-nursery, jibda jiffirma l-karta bil-ħinijiet tas-sewqan li jwassal it-tfal għal logħbiet.

28. Eddie Bonello qal li għandna nitkellmu mal-bank dwar il-kont tal-elettriku tal-ATM (li jħallas il-Kunsill) għax qegħdin nonfqu wisq u jaħseb li għandna naqsmu il-kont mal-bank. M'hemm ebda Kunsill f'Malta jew Għawdex li jħallas kontijiet tal-ATM's.

29. Publius Abdilla nnotta illi hemm 'truck' u mhux 'trailer' fit-tabella ta 'no entry' fejn Ħal Far. Din għanda tinbiddel għax biż-żbal li hemm ifisser li trucks ma jistawx jidħlu meta fil-fatt għandhom kull dritt jidħlu.

30. Francis Callus qal li t-tabella tal-istop minn triq Dun Ġużepp Caruana għal pjazza għanda terġa tiġi mwaħħla.

31. Publius Abdilla qal li hemm bżonn ta' zebra crossing fejn in-niċċa tad-duluri f'Triq San Pawl.

32. Fit-8.15pm intwaqqfet il-laqgħa u l-kunsilliera qablu li jiltaqaw nhar it-Tnejn 14 ta' Marzu biex ikomplu l-laqgħa, waqt li jagħtu importanza fuq l-attivitajiet ta' Jum Ħal Safi.

33. **Peress li sar il-ħin il-laqgħa twaqqfet u tkompliet nhar it-Tnejn 14 ta Marzu fl-4.00pm.**

34. Is-Sindku rrimarka li l-kennies mhux qiegħed jlaħħaq biex xogħol peress li l-magna mhux qed jużaħ għaliex ma taħdimx bħalissa. Fuq dan il-punt, is-sur Abdilla qal li b'hekk mhux se jagħmel ix-xogħol li għandu jagħmel skont il-kuntratt. Il-kuntratt jgħid li jinqata' il-ħaxix u s-sur Abdilla iħoss li mhux qiegħed isir.

35. Il- kunsilliera qablu li għandhom jiltaqgħu mas-sur Cedric Valletta (li jieħu ħsieb l-istreet sweeping) fil-laqgħa li jmiss biex jitkellmu dwar is-suġġett.

36. Is-Sindku qal li m'hemmx bzonn permess għal bankini ġot-triq San Pawl għax m'għandhomx wiesgħa t'iżjed minn 1.2metri. Ix-xogħol irid issir għax hemm petizzjoni ffirmatta minn 150 ruħ imma minħabba d-daqs tat-triq ma nistgħux naslu sa 1.2metri fuq iż-żewġ naħħat u b'hekk nistgħu nkomplu bix-xogħol.

37. Il-kunsilliera ddiskuttew fejn se jwaħħlu l-Mappa tar-raħal li rċevew u qablu li wara l-laqgħa jmorru fejn il-pjazza biex jaraw.

38. Jerome Busuttil qal li hemm garage ġo triq Ħlantun fejn in-nies għandhom diffikulta biex joħorġu minn hemm għax hemm parking 'legali' viċin wisq u m'hemmx wisq spazju biex joħorġu l-karozza mill-garage. Il-kunsilliera se jaraw x'jista jsir għax ma jixtiqux jneħħu postijiet tal-parking.

39. Francis Callus qal li għandna ftehim mas-sid ta' ħanut fejn għamilna 'loading base' għaliha imma dan is-sid xorta qed jieħu post tal-parking biex tpoġġi tankijiet u ġebel fuqhom. Is-Sindku qal li se jieħu ħsieb il-kwistjoni w ifakkar lis-sid bil-ftehim li hemm.

40. Il-kunsilliera qablu li jixtru ftit blalen għal ground wara talba mil-kowċ.

**Jum Ħal Safi**

41. Is-Sinkdu qara r-regolamenti għal Bord sabiex jinħatar Kumittat għal Premju Onorefiċenzali w l-kunsilliera għażlu ħames persuni li se jkunu parti mill-Bord.

42. Id-Deputat SE se jibgħat lil dawn in-nies tal-Bord u fl-istess ħin se jibda jxandar il-kelma ta' Jum Ħal Safi bi propaganda ġor-raħal.

43. Il-kunsilliera qablu fuq l-ischedule tal-festa. Din se tkun ikonfermata fil-ġranet li ġejjin.

44. Il-kunsilliera u id-Deputat SE se jirranġaw l-ittri tal-istedina għal mistednin.

45. Se jkun hemm laqgħa oħra dwar Jum Ħal Safi nhar it-Tnejn 21 ta' Marzu fl-4pm.

46. Il-kunsilliera approvaw il-Payment Approval Sheets nos 7.

47. Il-laqgħa li jmiss se tkun fit-28 ta' Marzu 2011.

Approvati llum 28/03/2011

Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv